# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 251/2014**

Il-Pulizija

vs

**Jeffrey Zammit**

iben Angelo, imwieled Pieta', fil-31 ta' Awwissu, 1971, detentur tal-karta tal-identita' numru 396771(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jeffrey Zammit quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli il-31 ta' Diċembru 2006 u l-1 ta' Jannar, 2007, ġewwa dawn il-Ġzejjer, ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqmsu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru, 2006 u l-1 ta' Jannar 2007, f'dawn il-Ġzejjer, kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-
li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal **seba' (7) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tminn mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` l-**ispejjeż** konnessi mar-relazzjoni tal-esperti forensiku Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, sitta u ħamsin Euro u sbatax-il -ċenteżmu (**€156.17**), liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' jum ħabs għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti **ordnat d-distruzzjoni tad-droga** esebita bhala Dok. NC, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jeffrey Zammit minnu ppreżentat fid-9 ta' Ġunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' seba' (7) xhur priġjunerija effettivi u tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ- ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-piena nflitta kienet waħda eċċessiva.

Illi effettivament għandu jinghad li f'dawn il-proċeduri l-uffiċjali investigattivi f'l-ebda stadju ma rnexxielhom isibu pilloli ecstasy, la fil-pussess tiegħu u lanqas f'xi post ieħor. Jinghad ukoll illi lanqas ma nstabu xi ammont ta' flus kontanti li b'xi mod jissuggerixxu li l-imputat kien qiegħed jittraffika d-droga msemmija.

Illi għalhekk l-unika prova prodotta fir-rigward tal-akkużi miġjuba hija proprju l-istqarrija rilaxxata mill-imsemmi Paul Vassallo, u x-xhieda eventwali tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li x-xhieda tal-istess Paul Vassallo ssodisfat il-kriterji neċessarji u qieset li din ix-xhieda kienet suffiċjenti sabiex permezz tagħha tinstab il-ħtija tal-imputat odjern. Madanakollu bir-rispett jinghad li tenendo kont iċ-ċirkostanzi kollha, partikolarment l-ammont ta' drogi li allegatament ġew traffikati mill-imputat, kien ikun opportun illi l-piena tkun waħda fil-minimu tagħha.

Illi in oltre jinghad illi t-trapass ta' aktar minn seba' snin għen lill-imputat sabiex joħroġ kompletament mill-ħajja tad-droga, u għaraf jaħdem u jipprovdi għal familja tiegħu bl-għaqal kollu.

Illi għalhekk bid-dovut rispett, tenendo kont il-karattru riformat tal-esponent, anke fit-totalita' tal-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, l-piena ta' sitt (6) xhur priġjunerija effettiva kienet tkun altro che suffiċjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-appellant unikament fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant l-piena hi waħda eċċessiva peress li llum il-ġurnata rriforma ruħu u li d-droga ecstasy ma nstabitx fuqu .

L-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda l-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li fedina penali tiegħu tiddeskrivi reati u sejbien ta' ħtija li jinkludu reati konnessi mad-drogi u dan f'sitt okkażjonijiet diversi.

Inoltre, qieset ukoll ix-xhieda ta' Paul Vassallo li kkonferma li l-appellant kien biegħllu żewġ pilloli *ecstasy* fil-party tal-31 ta' Diċembru, 2006. Ix-xhud kien iddeskriva lil Pulizija minn kien biegħlu l-pilloli u anke mar magħhom biex jindikah. Kien sussegwentement għamel stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat fejn anke indika u kkonferma l-identita' tal-appellant.

Ix-xhud Paul Vassallo xehed tlett darbiet f'dawn il-proċeduri, darbtejn fl-istess ġurnata u darba in kontro eżami. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2010 huwa beda jaħsibha dwar l-identita' tal-appellant iżda wara li l-Qorti żammitu sagħtejn arrestat għaraf lil appellant u dan wara kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll il-Qorti talbuh jagħti ħarsa sew madwaru għax beda jevita li jħares lejn fejn ikun l-akkużat . Madankollu, meta reġa xehed in kontro eżami , għalkemm l-avukat

tad-difiża beda jipprova jġibu fid-dubbju dwar il-konferma tiegħu li kien l-akkużat li biegħlu d-droga huwa kkonferma kemm –il darba li qed jagħrfu u li huwa hu.

Kif indikat l-Ewwel Qorti l-Artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li xhud wieħed biss , jekk emmnut minn min qed jiġġudika fuq il-fatt huwa biżżejjed biex jagħmel prova sħiħa.

Id-difiża argumentat li ma nstabux xi flus kbar jew droga fuq l-appellant, għaldaqstant dan kellu jimmilta favur l-appellant, pero' mix-xhieda ta' Vassallo , jirriżulta li d-droga ma kinitx fuqu u hu kien qed imur x'imkien ieħor u jġib dak li hemm bżonn.

Illi l-piena erogata hija ta'seba' (7) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mitt Ewro (€800).

Illi tali piena hi waħda fil-parametri tal-liġi u l-Ewwel Qorti qieset sewwa u ħadet ħafna affarijiet in konsiderazzjoni qabel ma ġiet għal piena għaldaqstant din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma tali piena speċjalment meta hemm ċertezza assoluta li dan ittraffika żewġ pilloli ecstasy.

Illi l-ammont ta' ħabs effettiv impost mill-Ewwel Qorti huwa diġa qrib ħafna l-minimu stante li l-minimu huwa ta' sitt xhur ħabs .

Din il-Qorti ma tħossx li għandha tvarja tali piena tenut kont taċ-ċirkostanzi

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' Jeffrey Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata.